**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 221**

Il-Ħamis, 14 ta' Marzu 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Aaron Farrugia, l-Onor. Justin Shembri* u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

L-Onor. Ivan Castillo u ~~l-Onor. Justin Shembri~~* kienu assenti.

** Vide Minuti tas-Seduta 223 – 20.03.2024*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta 220 li saret fit-13 ta' Marzu 2024 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3365 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Chris Said fil-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Politiċi u d-Demokrazija tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE) li nżammet f'Pariġi fil-5 ta' Marzu 2024; u

P.L. 3366 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Michael Farrugia u l-Onor. Albert Buttigieg fl-14-il laqgħa tal-Joint Parliamentary Scrutiny Group (JPSG) on EUROPOL li nżammet f'Ghent, il-Belġju, bejn it-18 u d-19 ta' Frar 2024.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3202 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali, l-Onor. Chris Fearne, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3367 Tabella li turi n-numru ta' impjegati li jaħdmu fuq bażi part-time jew reduced hours fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali maqsuma skont il-professjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16694;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3368 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' nisa appuntati mill-Gvern bħala diretturi fuq bordijiet bejn l-2013 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16897;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3369 Tagħrif dwar skemi ta' restawr u skemi ta' Open Gym Equipment li ħarġu għall-Kunsilli Lokali Għawdxin fil-perjodu bejn l-2020 u l-2023 maqsuma skont l-iskema, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16658;

P.L. 3370 Tagħrif dwar fondi allokati għal spejjeż fuq Villa Lauri u Dar Fatima fil-perjodu bejn l-2019 u Marzu 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16660; u

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3371 Tagħrif dwar l-ammonti ta' drogi maqbuda mit-Taqsima ta' Kontra d-Droga maqsuma skont il-lokalità għas-sena 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16598.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3372 Tabella li turi n-numru ta' impjegati li jaħdmu fuq bażi part-time jew reduced hours fid-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir maqsuma skont il-professjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16695.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3373 Tagħrif dwar skemi u fondi għal riċerka u innovazzjoni minn Jannar 2022 sa Marzu 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15489;

P.L. 3374 Ittra mibgħuta mill-Kulleġġ San Benedittu indirizzata lill-Partit Laburista bħala rċevuta għall-ħlas għall-kiri tas-sala fl-Iskola Sekondarja Kirkop datata 5 ta' Marzu 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17230.

Il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3375 Estratt mill-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta datata 28 ta' Novembru 2022 li turi Avviż 1612 dwar Akkwist ta' Art fi Triq il-Bandli kantuniera ma' Triq Santa Katerina f'Birżebbugia, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17277.

**MOZZJONI TA' SFIDUĊJA FI TLIET MINISTRI B'RABTA MAR-RAPPORT TAL-INKJESTA PUBBLIKA DWAR IL-MEWT TA' JEAN PAUL SOFIA - MOZZJONI 231**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li d-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellha tieħu sas-7.00 p.m., bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni bil-ftuħ u l-għeluq għall-Oppożizzjoni.

L-Onor. Robert Cutajar ippropona:

Peress li nhar l-Erbgħa, 28 ta' Frar 2024 ġie ppreżentat ir-Rapport tal-Inkjesta Pubblika dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia nhar it-3 ta' Diċembru 2022;

Peress li l-Inkjesta Pubblika sabet lill-Eżekuttiv, u ċjoè lill-Gvern ta' pajjiżna, responsabbli għall-mewt taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia minħabba nuqqasijiet gravi ta' governanza tajba;

Peress li fir-Rapport tiegħu l-Bord qal li "[…] l-Istat ma jistax jeżimi ruħu minn responsabbiltà li ħalla tippersisti inċertezza u kontroversja legali u leġislattiva bla bżonn.";

Peress li fl-istess Rapport il-Bord qal li "L-istampa li toħroġ mix-xiehda ta' Dr Xerri hija l-klassika comedy of errors (b'kull rispett lejn William Shakespeare!!). Il-ħażin hu li Jean Paul Sofia miet f'sit li ma kien kontrollat minn ebda awtorità regolatorja. Hija stampa ta' żbalji mill-ħoxnin li xi ħadd għandu d-dmir li jerfa' responsabbiltà għalihom. Dan għandu jkun l-Istat li naqas milli jżomm għajnejh miftuħa għat-taħwid fil-qasam tal-Eżekuttiv, fejn kulħadd jimxi fuq il-binarju tiegħu, bla ma jrendi kont lejn ħadd. Attitudni bħal din hija inaċċettabbli u li jeħtieġ tinbidel minnufih.";

Peress li l-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli u l-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi għandhom iġorru r-responsabbiltà għall-falliment tal-Eżekuttiv permezz tal-entitajiet u tal-awtorità taħt ir-responsabbiltà tagħhom u li matul is-snin huma u/jew kienu fdati mill-Prim Ministru biex imexxu fil-kariga rispettiva tagħhom; u

Peress li l-Prim Ministru naqas milli jesiġi r-riżenja tal-imsemmija Ministri u baqa' jiddefendihom minkejja dak li rriżulta b'mod ċar u inekwivoku mir-Rapport ippreżentat mill-Bord tal-Inkjesta Pubblika dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li:

1. Tiskuża ruħha mal-ġenituri ta' Jean Paul Sofia, is-Sinjura Isabelle Bonnici u s-Sur John Sofia, rigward il-vot li l-Kamra ħadet nhar it-12 ta' Lulju 2023, fejn il-Gvern ivvota kontra l-Mozzjoni mressqa mill-Oppożizzjoni biex issir Inkjesta Pubblika dwar il-mewt taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia;

2. Tadotta u tagħmel tagħha fl-intier tiegħu r-Rapport tal-Bord tal-Inkjesta Pubblika dwar il-mewt taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia, liema Rapport ġie ppreżentat lill-Prim Ministru nhar it-28 ta' Frar 2024;

3. Tagħmel tagħha r-rakkomandazzjonijiet kollha li għamel il-Bord tal-Inkjesta u tesiġi li jkunu implimentati fi żmien sitt (6) xhur;

4. Titlob lill-Gvern biex kull erba' (4) ġimgħat jippreżenta rapport lill-Kamra tar-Rappreżentanti dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li għamel il-Bord tal-Inkjesta. Liema rapport ikun miftuħ għall-mistoqsijiet tal-Membri Parlamentari waqt seduta apposta fi żmien ġimgħa minn meta jkun ippreżentat ir-rapport;

5. Tiċċensura bis-saħħa l-aġir tal-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, tal-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli u tal-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi;

6. Tiddikjara l-isfiduċja tagħha fil-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, fil-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli u fil-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi; u

7. Titlob lill-Prim Ministru biex minnufih jesiġi r-riżenja tal-Onor. Silvio Schembri minn Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi, tal-Onor. Miriam Dalli minn Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u tal-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi minn Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali u, fin-nuqqas li dan iseħħ, ikeċċihom minn Ministri.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, issekonda.

Il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 3376 | Mistoqsija Parlamentari 14651 tad-Disa' Leġiżlatura bl-isem "PWD – Taqsima tad-Drenaġġ – Inċident Fatali" magħmula mill-Onor. Noel Farrugia u mwieġba mill-Ministru għall-Ambjent l-Onor. Francis Zammit Dimech, f'Seduta 265 tal-15 ta' Marzu 2000. |

L-Onor. Naomi Cachia ressqet din l-emenda "A":

Wara l-Mozzjoni Numru 231 preżentata quddiem din il-Kamra mill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech u l-Onor. Robert Cutajar:

L-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Naomi Cachia f'isimhom u f'isem il-Grupp Parlamentari tal-Partit Laburista jipproponu l-emendi li ġejjin:

1. It-Tieni (2), it-Tielet (3), ir-Raba' (4), il-Ħames (5) u s-Sitt (6) premessa għandhom jiġu sostitwiti bis-segwenti:

"Peress illi nhar it-3 ta' Diċembru 2022 fuq sit ta' kostruzzjoni f'Kordin seħħet il-mewt mill-aktar traġika ta' Jean Paul Sofia, ħaddiem żagħżugħ li kien preżenti fuq is-sit ta' kostruzzjoni fil-qadi ta' dmirijietu, flimkien ma' korriment ta' ħames ħaddiema oħra li kienu fuq l-istess lant tax-xogħol;

Peress illi dakinhar stess bħalma dejjem isir u bħalma huwa fid-dmir li jsir skont il-Kodiċi Kriminali infetħet Inkjesta Maġisterjali li wara li għamlet indaġni fit-tul ikkonkludiet illi numru ta' persuni kellhom jitressqu quddiem il-Qorti biex iwieġbu għal akkużi relatati mal-inċident traġiku;

Peress illi l-proċeduri kriminali nbdew fil-pront u l-proċeduri kontra tagħhom jinsabu mexjin;

Peress illi l-intenzjoni li ssir Inkjesta Pubblika, illum magħrufa b'isem il-vittma Jean Paul Sofia tħabbret mill-Prim Ministru fis-17 ta' Lulju 2023 u termini ta' referenza tnidew fit-2 ta' Awissu 2023 wara konsultazzjoni mal-familja;

Peress illi l-istess Inkjesta Pubblika ġiet konkluża b' rapport tat-28 ta' Frar 2024;

Peress illi l-Gvern ippubblika b'mod immedjat ir-rapport sħiħ tal-inkjesta u minkejja li t-termini ta' referenza tal-inkjesta jgħidu li kellu jsir dibattitu parlamentari f'għeluq sena mit-tqegħid tar-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra, il-Gvern diġà ħass id-dover li ssir diskussjoni immedjata, u hekk sar f'din il-Kamra għal ħames seduti;

Peress illi r-rapport tal-inkjesta afferma li ma kien hemm ebda rabta bejn il-proċess ta' allokazzjoni tal-art fejn kien qiegħed isir il-bini in kwistjoni u l-inċident li seħħ;

Peress illi minkejja dak enfasizzat mill-bord tal-inkjesta fis-sens li pajjiżna jeħtieġ jirkupra dak li ma sarx f'ħamsin sena, il-Gvern iddikjara li mhux jaqta' qalbu u li hu mhux biss determinat li jwettaq iżda diġà beda jwettaq bidliet aktar malajr bi sforz wiesa' biex jgħolli l-istandards u jara li l-industrija taħdem b'rispett lejn kulħadd: iċ-ċittadini u l-ħaddiema;

Peress illi fil-fatt minkejja li t-termini ta' referenza, li kienu wkoll maqbula mal-familja ta' Jean Paul Sofia, jesiġu li r-rendikont fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet għandu jsir wara sena, il-Gvern, kif diġà qiegħed jagħmel, ikkommetta li jibqa' jagħti rendikont regolari lill-familja tal-vittma, lis-soċjetà u lill-Parlament, dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet;

Peress illi l-Gvern diġà ħabbar sett ta' miżuri, b'timelines fissi u li għaldaqstant ser ikunu qed iseħħu fl-immedjat, b'uħud li diġà bdew jiġu implimentati."

2. Wara l-kliem "Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirrisolvi li:"

L-Ewwel (1), it-Tieni (2), it-Tielet (3), ir-Raba' (4), il-Ħames (5), is-Sitt (6) u s-Seba' (7) riżoluzzjoni għandhom jiġu sostitwiti bis-segwenti:

"1. TESTENDI l-apoloġija lill-ġenituri ta' Jean Paul Sofia, is-Sinjura Isabelle Bonnici u s-Sur John Sofia, li saret fid-diskors tal-Prim Ministru f'dan il-Parlament nhar l-Erbgħa 28 ta' Frar, meta f'din il-Kamra ġie preżentat ir-rapport tal-Inkjesta Pubblika;

2. TINGĦAQAD MAL-GVERN biex f'isem l-Istat Malti, turi sogħba mal-familjari tal-vittmi kollha li korrew jew ħallew ħajjithom fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll turi dispjaċir għall-istat li tħalla jopera fih is-settur tal-kostruzzjoni f'dawn l-aħħar ħamsin sena hekk kif innotat mill-istess Inkjesta Pubblika, u fis-snin ta' qabel;

3. TAGĦRAF li t-triq 'il quddiem hija fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-bord tal-inkjesta u fit-tkomplija tat-twettiq tar-riformi li hemm fil-programm tal-Gvern, u li dan għandu jsir fl-iqsar żmien possibbli u b'konsultazzjoni wiesgħa bil-għan li l-implimentazzjoni tkun tassew effettiva u li żżid l-istandards;

4. TINKORAĠĠIXXI għalhekk lill-Gvern biex ikompli jwettaq b'determinazzjoni r-riformi u l-bidliet bi sforz wiesa' biex jgħolli l-istandards fis-settur tal-kostruzzjoni u jara li l-industrija taħdem b'rispett lejn kulħadd, kemm lejn iċ-ċittadini inġenerali kif ukoll lejn l-ħaddiema fis-settur;

5. TINKORAĠĠIXXI wkoll lill-Gvern biex jieħu l-miżuri meħtieġa biex is-settur jagħmel ukoll it-transizzjoni ambjentali meħtieġa fejn tkun inċentivata l-enfasi fuq il-konsiderazzjonijiet ambjentali u l-bidliet meħtieġa fid-dawl tal-isfida tal-bidla fil-klima;

6. TĦEĠĠEĠ lill-Gvern biex, kif diġà qiegħed jagħmel, jibqa' jagħti rendikont lil dan il-Parlament, lis-soċjetà u b'mod partikolari lill-familja ta' Jean Paul Sofia dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Inkjesta Pubblika;

7. TOBBLIGA LILL-GVERN biex f'kull każ u skont it-termini ta' referenza tal-Inkjesta, fi żmien sena mill-pubblikazzjoni tar-rapport li sar fit-28 ta' Frar 2024, iġib l-implimentazzjoni tar-

rakkomandazzjonijiet tal-Inkjesta għall-konsiderazzjoni ta' din il-Kamra f'dibattitu organizzat għal dak il-għan."

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, issekonda.

L-Onor. Robert Cutajar ressaq din l-emenda "B" għall-emenda "A" mressqa mill-Onor. Naomi Cachia:

Wara l-Mozzjoni Numru 231 preżentata quddiem din il-Kamra mill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech u l-Onor. Robert Cutajar:

L-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Naomi Cachia f'isimhom u f'isem il-Grupp Parlamentari tal-Partit Laburista jipproponu l-emendi li ġejjin:

A. L-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-għaxar paragrafi tal-emenda mressqa mill-Onor. Jonathan Attard u mill-Onor. Naomi Cachia għandhom jitħassru u jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

   "Peress li nhar l-Erbgħa, 28 ta' Frar 2024 ġie ppreżentat ir-Rapport tal-Inkjesta Pubblika dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia nhar it-3 ta' Diċembru 2022;

   Peress li l-Inkjesta Pubblika sabet lill-Eżekuttiv, u ċjoè lill-Gvern ta' pajjiżna, responsabbli għall-mewt taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia minħabba nuqqasijiet gravi ta' governanza tajba;

   Peress li fir-Rapport tiegħu l-Bord qal li "*[...] l-Istat ma jistax jeżimi ruħu minn responsabbiltà li ħalla tippersisti inċertezza u kontroversja legali u leġislattiva bla bżonn.*";

   Peress li fl-istess Rapport il-Bord qal li "*L-istampa li toħroġ mix-xiehda ta' Dr Xerri hija l-klassika comedy of errors (b'kull rispett lejn William Shakespeare!!). Il-ħażin hu li Jean Paul Sofia miet f'sit li ma kien kontrollat minn ebda awtorità regolatorja. Hija stampa ta' żbalji mill-ħoxnin li xi ħadd għandu d-dmir li jerfa' responsabbiltà għalihom. Dan għandu jkun l-Istat li naqas milli jżomm għajnejh miftuħa għat-taħwid fil-qasam tal-Eżekuttiv, fejn kulħadd jimxi fuq il-binarju tiegħu, bla ma jrendi kont lejn ħadd. Attitudni bħal din hija inaċċettabbli u li jeħtieġ tinbidel minnufih.*";

   Peress li l-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli u l-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi għandhom iġorru r-responsabbiltà għall-falliment tal-Eżekuttiv permezz tal-entitajiet u tal-awtorità taħt ir-responsabbiltà tagħhom u li matul is-snin huma u/jew kienu fdati mill-Prim Ministru biex imexxu fil-kariga rispettiva tagħhom; u

   Peress li l-Prim Ministru naqas milli jesiġi r-riżenja tal-imsemmija Ministri u baqa' jiddefendihom minkejja dak li rriżulta b'mod ċar u inekwivoku mir-Rapport ippreżentat mill-Bord tal-Inkjesta Pubblika dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia;"; u

B. Il-paragrafi bin-numri 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 tal-emenda mressqa mill-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Naomi Cachia u li jiġu wara l-kliem "Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li:" għandhom jitħassru u jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

   "1. Tiskuża ruħha mal-ġenituri ta' Jean Paul Sofia, is-Sinjura Isabelle Bonnici u s-Sur John Sofia, rigward il-vot li l-Kamra ħadet nhar it-12 ta' Lulju 2023, fejn il-Gvern ivvota kontra l-Mozzjoni mressqa mill-Oppożizzjoni biex issir Inkjesta Pubblika dwar il-mewt taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia;

   2. Tesprimi sogħba mal-familjari tal-vittmi kollha li korrew jew saħansitra tilfu ħajjtihom fuq il-post tax-xogħol jew fi djarhom minħabba xogħlijiet ta' kostruzzjoni;

3. Tadotta u tagħmel tagħha fl-intier tiegħu r-Rapport tal-Bord tal-Inkjesta Pubblika dwar il-mewt taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia, liema Rapport ġie ppreżentat lill-Prim Ministru nhar it-28 ta’ Frar 2024;

4. Tagħmel tagħha r-rakkomandazzjonijiet kollha li għamel il-Bord tal-Inkjesta u tesiġi li jkunu implimentati fi żmien sitt (6) xhur;

5. Titlob lill-Gvern biex kull erba’ (4) ġimgħat jippreżenta rapport lill-Kamra tar-Rappreżentanti dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li għamel il-Bord tal-Inkjesta. Liema rapport ikun miftuħ għall-mistoqsijiet tal-Membri Parlamentari waqt seduta apposta fi żmien ġimgħa minn meta jkun ippreżentat ir-rapport;

6. Tiċċensura bis-saħħa l-aġir tal-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, tal-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli u tal-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi;

7. Tiddikjara l-isfiduċja tagħha fil-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, fil-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli u fil-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi; u

8. Titlob lill-Prim Ministru biex minnufih jesiġi r-riżenja tal-Onor. Silvio Schembri minn Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi, tal-Onor. Miriam Dalli minn Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u tal-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi minn Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali u, fin-nuqqas li dan iseħħ, ikeċċihom minn Ministri.”.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, issekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Stanley Zammit, l-Onor. Robert Abela, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Jonathan Attard, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Bernard Grech.

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq l-emenda “B” għall-Mozzjoni Nru 231 imressqa mill-Onor. Robert Cutajar, intalbet votazzjoni u din ittieħdet dak il-ħin stess.

Il-Kamra vvotat hekk:

**VOTAZZJONI NRU 150** **ĦIN: 7.04 p.m.**

**FAVUR: 32**

**L-Onor.**

| | |
|---|---|
| Agius David | Caruana Cilia Jerome |
| Aquilina Karol | Chetcuti Janice |
| Attard Previ Graziella | Cutajar Robert |
| Azzopardi Charles | Delia Adrian |
| Bartolo Ivan | Fenech Adami Beppe |
| Bartolo Ivan J. | Galea Graziella |
| Bencini Graham | Giglio Joe |

Bezzina Toni
Bonello Bernice
Borg Alex
Borg Rebekah
Borg Bonello Eve
Buttigieg Albert
Buttigieg Claudette
Callus Ryan
Carabott Darren
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Carmelo
Mifsud Bonnici Paula
Said Chris
Sammut Mark Anthony
Spiteri Stephen
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley

**KONTRA: 41**

**L-Onor.**

Abela Carmelo
Abela Jo Etienne
Abela Ray
Abela Robert
Agius Chris
Agius Galea Malcolm Paul
Attard Jonathan
Azzopardi Tanti Keith
Bartolo Clayton
Bedingfield Glenn
Bonett Chris
Bonnici Owen
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Camilleri Clint
Caruana Clyde
Cutajar Rosianne
Dalli Miriam
De Battista Randolph
De Giovanni Katya
Debattista Deo
Ellul Andy
Falzon Michael
Farrugia Michael
Farrugia Omar
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Galdes Roderick
Galea Cressida
Grima Clifton
Muscat Alex
Refalo Anton
Sammut Hili Davina
Schembri Silvio
Spiteri Grech Amanda
Zammit Lewis Edward
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

L-Emenda "B" m'għaddietx.

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq l-emenda "A" għall-Mozzjoni Nru 231 imressqa mill-Onor. Naomi Cachia, intalbet votazzjoni u din ittieħdet dak il-ħin stess.

Il-Kamra vvotat hekk:

**VOTAZZJONI NRU 151** **ĦIN: 7.06 p.m.**

**FAVUR: 41**

**L-Onor.**

Abela Carmelo
Abela Jo Etienne
Abela Ray
Abela Robert
Agius Chris
Agius Galea Malcolm Paul
De Battista Randolph
De Giovanni Katya
Debattista Deo
Ellul Andy
Falzon Michael
Farrugia Michael

Attard Jonathan
Azzopardi Tanti Keith
Bartolo Clayton
Bedingfield Glenn
Bonett Chris
Bonnici Owen
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Camilleri Clint
Caruana Clyde
Cutajar Rosianne
Dalli Miriam
Farrugia Omar
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Galdes Roderick
Galea Cressida
Grima Clifton
Muscat Alex
Refalo Anton
Sammut Hili Davina
Schembri Silvio
Spiteri Grech Amanda
Zammit Lewis Edward
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

**KONTRA: 32**

**L-Onor.**

Agius David
Aquilina Karol
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J.
Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Borg Alex
Borg Rebekah
Borg Bonello Eve
Buttigieg Albert
Buttigieg Claudette
Callus Ryan
Carabott Darren
Caruana Cilia Jerome
Chetcuti Janice
Cutajar Robert
Delia Adrian
Fenech Adami Beppe
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Carmelo
Mifsud Bonnici Paula
Said Chris
Sammut Mark Anthony
Spiteri Stephen
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley

L-Emenda "A" għaddiet.

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-Mozzjoni Nru 231 - Mozzjoni ta' Sfiduċja fi Tliet Ministri b'rabta mar-Rapport tal-Inkjesta Pubblika dwar il-Mewt ta' Jean Paul Sofia - kif emendata, intalbet votazzjoni u din ittieħdet dak il-ħin stess.

Il-Kamra vvotat hekk:

**VOTAZZJONI NRU 152** **ĦIN: 7.08 p.m.**

**FAVUR: 41**

**L-Onor.**

Abela Carmelo
Abela Jo Etienne
Abela Ray
De Battista Randolph
De Giovanni Katya
Debattista Deo

Abela Robert
Agius Chris
Agius Galea Malcolm Paul
Attard Jonathan
Azzopardi Tanti Keith
Bartolo Clayton
Bedingfield Glenn
Bonett Chris
Bonnici Owen
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Camilleri Clint
Caruana Clyde
Cutajar Rosianne
Dalli Miriam
Ellul Andy
Falzon Michael
Farrugia Michael
Farrugia Omar
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Galdes Roderick
Galea Cressida
Grima Clifton
Muscat Alex
Refalo Anton
Sammut Hili Davina
Schembri Silvio
Spiteri Grech Amanda
Zammit Lewis Edward
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

**KONTRA: 32**

**L-Onor.**

Agius David
Aquilina Karol
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J.
Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Borg Alex
Borg Rebekah
Borg Bonello Eve
Buttigieg Albert
Buttigieg Claudette
Callus Ryan
Carabott Darren
Caruana Cilia Jerome
Chetcuti Janice
Cutajar Robert
Delia Adrian
Fenech Adami Beppe
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Carmelo
Mifsud Bonnici Paula
Said Chris
Sammut Mark Anthony
Spiteri Stephen
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley

Il-mozzjoni, kif emendata, għaddiet.

Skont ftehim milħuq fis-Seduta 220 tal-14 ta' Marzu 2024 il-Kamra għaddiet għall-ewwel item fuq l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JIMPLIMENTA MIŻURI TAL-ESTIMI – ABBOZZ NRU 72**

Il-Kamra rriżumiet mit-13 ta' Marzu 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi.

Peress li fis-Seduta 220 li saret fit-13 ta' Marzu 2024 kienet intalbet votazzjoni, l-Ispeaker reġa' qiegħed il-mistoqsija fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jimplimenta Miżuri tal-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2024 u miżuri amministrattivi oħra". Peress li reġgħet intalbet votazzjoni il-Kamra qablet li din ittieħdet dak il-ħin stess.

**VOTAZZJONI NRU 153** **ĦIN: 7.10 p.m.**

**FAVUR : 41**

**L-Onor.**

Abela Carmelo
Abela Jo Etienne
Abela Ray
Abela Robert
Agius Chris
Agius Galea Malcolm Paul
Attard Jonathan
Azzopardi Tanti Keith
Bartolo Clayton
Bedingfield Glenn
Bonett Chris
Bonnici Owen
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Camilleri Clint
Caruana Clyde
Cutajar Rosianne
Dalli Miriam
De Battista Randolph
De Giovanni Katya
Debattista Deo
Ellul Andy
Falzon Michael
Farrugia Michael
Farrugia Omar
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Galdes Roderick
Galea Cressida
Grima Clifton
Muscat Alex
Refalo Anton
Sammut Hili Davina
Schembri Silvio
Spiteri Grech Amanda
Zammit Lewis Edward
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

**KONTRA: 32**

**L-Onor.**

Agius David
Aquilina Karol
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J.
Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Borg Alex
Borg Rebekah
Borg Bonello Eve
Buttigieg Albert
Buttigieg Claudette
Callus Ryan
Carabott Darren
Caruana Cilia Jerome
Chetcuti Janice
Cutajar Robert
Delia Adrian
Fenech Adami Beppe
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Carmelo
Mifsud Bonnici Paula
Said Chris
Sammut Mark Anthony
Spiteri Stephen
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley

Il-mozzjoni għaddiet u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Clyde Caruana, talab il-permess sabiex iressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta' kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, minkejja li kien jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għall-Finanzi ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar il-Tnejn, 18 ta' Marzu 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari |

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi kkomunikata aktar tard.

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Davina Sammut Hili.

Fis-7.22 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**MEMBRU LI PPRESEDJA L-KAMRA SKONT IL-MOZZJONI 174**